# KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2023

| Werrej | Paġna |
| --- | --- |
| Introduzzjoni mis-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill Lokali | 3 |
| Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali | 6 |
| Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali | 10 |
| L-iskeda tal-varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa | 11 |
| Rapport Hidma mill-Kunsilliera | 13 |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Matul is-Sena 2023 saru ħafna proġetti. Proġetti bħalma kienet id-daħla xierqa għal Marsaxlokk fi Triq iż-Żejtun, central strip fi Triq Santa Katerina, il-proġett tal-Magħluq li jinkludi pavimentar, tħawwil ta`siġar, latrini ġodda attrezzati b` mod modern u planters ġodda fejn il-bajja tal-Magħluq u ta' faċċata tat- Torri Vendome. Renovar tal-bankijiet f'Xatt is-Sajjieda, tabelli bl-ismijiet ta` toroq ġodda, vann tal-komunita` li jipprovdi vjaġġi lejn il-berġa ta` Marsaxlokk, il-klinika ta` Raħal ġdid, iċ-ċentru ta` matul il-jum taż-Żejtun kif ukoll lejn l-isptar Mater Dei.
Għamilna bankini ġodda, tajna t-tarmak lill- ammont sostanzjali ta` toroq u fadal ħafna toroq oħra xi jsiru. Beda l-proċċess tar-raising main fi triq Lepanto, wara ħafna snin nirsistu għaliha. Ħawwilna u żbarna ammont sostanzjali ta`siġar. Sar ukoll renovar kbir fi ġnien il-familja fejn ukoll ser jitwaħħlu kameras mal-oħrajn li diġà għamilna. Qegħdin induru wkoll il-ġnien ta` Port Ruman, kif ukoll qegħdin nenfasizzaw biex dawn ikunu mnaddfa u miżmuma sew b`mod regolari.

Saret ukoll attività tal-Karnival fil-pjazza. Żejjinna għall-Milied b`mod nissogra ngħid mill-aqwa u mill-isbaħ. Tellajna flimkien il-Festa Ħut kif ukoll Tisjira Xlukkajra. Bqajna noffru l-lezzjonijiet tal-eżerċizzju fiżiku, mħallas mill-kunsill, kif ukoll lezzjonijiet taċ-ċombini u l-'Junior Science Club'.

F'isem sħabi l-Kunsilliera u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill u l-ħaddiema nirringrazzja lil kulħadd.

**Steven Grech**
*Sindku*

# 2.0 Il-Kunsill Lokali

## 2.1 Il-Kunsill

Marsaxlokk huwa raħal zgħir b'popolazzjoni ta' madwar circa 4000 persuna. Għalhekk il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk huwa kompost minn ħames Kunsilliera, bis-Sindku u l-Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu għal matul din il-legislatura ta ħames snin. Is-Sindku flimkien mal-Kunsill iddeterminat li jimplimenta numru ta' inizjattivi u proġetti fil-lokalità għall-ġid tar-raħal u tal-komunità Xlukkajra.

Matul l-2023, il-parti Amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet fidejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sa nofs Mejju. Minn Mejju inhatar Segretarju Ezekuttiv *full time* gdid li kien megħjun minn Assistent Prinċipal u l-bqija tal-iskrivani. Flimkien l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkoordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill Lokali. Dan ix xoghol bi pjacir nghid li qed isir b'diligenza kbira minn naha tal-istaff kollu.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi. Fost dawn insibu l-Ħaddiema Assenjati.



## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiż mis-Sindku kienu dawn:

**Steven Grech – Sindku**
*Responsabbli minn*: L-Ambjent, Innovazzjoni, Infrastruttura, Proġetti, Ġustizzja, Riformi

**Elenia Desira – Viċi-Sindku**
*Responsabbli minn*: Indafa Pubblika, Integrazzjoni Soċjali, Fondi Ewropej, Kura u Saħħa Pubblika

**Dr.Mary Muscat – Kunsillier**
(tmiem tal-kariga Nov 23)
*Responsabbli minn*: Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Edukazzjoni, Anzjani Ħarsien tal-annimali

**Daniel Zerafa – Kunsiller**
*Responsabbli minn:* Kultura u Turiżmu, Wirt Storiku, Komunitajiet – Federazzjoni Għaqdiet Xlukkajri, Żgħażagħ u Tfal, Awtorità tal-Ippjanar

**Stephen Caruana – Kunsillier**
*Responsabbli minn:* Sajjieda, Qasam Soċjali, Persuni bi bżonijjiet speċjali, Dawl tat-toroq,

## 2.3 Attendenza għas-seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2023, fit-tmien leġislatura inżammu għoxrin laqgħa (20) u l-attendenza kienet is-segwenti:

| | *Kunsillier* | *Laqgħat* | *Preżenti* | *Assenti* | *Assenti b'ġustifikazzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Steven Grech* | **20** | **20** | **0** | **0** |
| *2* | *Elenia Desira* | **20** | **18** | **0** | **2** |
| *3* | *Dr Mary Muscat* | **18** | **14** | **0** | **4** |
| *4* | *Daniel Zerafa* | **20** | **17** | **0** | **3** |
| *5* | *Stephen Caruana* | **20** | **20** | **0** | **0** |

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Amministrazzjoni kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-impjegati tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Marsaxlokk, ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun mibni, ippreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill ta' Marsaxlokk qed jikseb.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

**Is-Sa. Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*
*(bidu tal-kariga Mejju 23)*
Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, l-Amministrazzjoni, finanzi, riżorsi umani

**Is-Sur Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
*(tmiem tal-kariga Gunju 23)*

**Is-Sur Jordy Brincat**
*Assistent Prinċipal*
*(tmiem tal-kariga Awwissu 23)*
Responsabbli mill-korrispondenza, attivitajiet kulturali, *social media*, pubblikazzjonijiet u jassisti lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv

**Is-Sa. Caroline Desira**
*Assistent Prinċipal*
Responsabbli mill-accounts/audit tal-Kunsill, l-aġġornar tal-websites, tenders u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju

**Is-Sa. Joan Mifsud**
*Assistent Principal*
*(tmiem tal-kariga April 23)*
Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-klijenti, accounts, procurement, cash office, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju

***Is-Sa.Jessica Joan Martin***
*Skrivana*
Responsabbli mill-accounts/skemi, procurement, cash office, attivitajiet kulturali u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju

**Is-Sa. Nadine Camilleri**
*Supervisor*
Responsabbli Spezzjonijiet fuq barra, verifikazzjoni tal-permessi mahrugin, korsijiet u xogħol iehor.

**Is-Sa. Charon Marie Leckey**
*Skrivana Assenjata*
Responsabbli mill-korrispondenza, haddiema assenjati, tassisti lis-Segretarju Ezekuttiv u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju

**Is-Sur Victor Fenech**
*Gardinar*
Responsabbli mill-gonna u soft area tar-rahal kollu

**Is-Sur Neil Bongailas**
*Skrivan*
Responsabbli minn xogħol ta' rutina fl-uffiċċju

**Is-Sa. Francesca Jaccarini**
*Council Assistant (Dec 23)*
Responsabbli mill-cash office, pubblikazzjonijiet, lmenti u relazzjonijiet mal-klijenti

*Ma` dawn il-Kunsill ghandu numru ta` haddiema assenjati mieghu mill-RSSL u District Operations.*

*Il-Konsulenti professjonali li jintuzaw mill-Kunsill huma:*

| | | |
|---|---|---|
| Servizz Legali | - | Dr Richard Sladden |
| Servizz ta' Perit | - | Perit Robert Grech |
| Serizzi ta' Accountancy | - | Sur Karl Cutajar |

# 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

3. **Funds received from Central Government**

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| In terms of section 55 of the Local Council Act | 423,469 | 418,473 |
| Other Government Income | 53,283 | 42,587 |
| | 476,752 | 461,060 |

4. **Local Enforcement Income**

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Income for LES administration fees | 3,336 | 1,478 |
| | 3,336 | 1,478 |

Local Council Marsaxlokk

Notes to the Financial Statements
for the year ended 31 December 2023

5. **Finance Income**

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Bank Interest | 24 | - |
| | 24 | - |

## 6. General Income

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Income from courses | 1,680 | 2,597 |
| Donations | - | 300 |
| Contributions | 2,260 | 2,539 |
| Income from Permits | 21,069 | 9,294 |
| | 25,009 | 14,730 |

## 7. Loss for the year

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Loss for the year is stated after charging: | | |
| Staff salaries | 161,407 | 142,405 |
| Deprecation of non-current assets | 48,014 | 65,392 |

**Local Council Marsaxlokk**

**Notes to the Financial Statements for the year ended 31 December 2023**

## 8. Personal Emoluments

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Mayor's Honoraria | 13,479 | 13,142 |
| Mayor's & Councillors' Allowance | 10,282 | 9,655 |
| Executive Secretary Salary and Allowances | 6,926 | 17,719 |
| Employees' Salaries | 120,616 | 94,251 |
| Social Security Contributions | 10,104 | 7,638 |
| | 161,407 | 142,405 |

## 9. Operations and Maintenance

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| *Repairs and Upkeep:* | | |
| Public Property | 9,665 | 7,736 |
| Road/Street Pavements | 3,930 | 439 |
| Signs and road markings | 2,292 | 2,417 |
| Road & Street Patching | 2,198 | 1,152 |
| Office Furniture and Equipment | - | 628 |
| Plant & Equipment | 155 | 557 |
| Sundry Repairs | 868 | 1,242 |
| Other repairs and upkeep | 755 | 13,022 |
| Council property | 5,020 | 324 |
| | 24,883 | 27,517 |
| *Contractual Services:* | | |
| Refuse Collection | 11,115 | 49,268 |
| Bulky Refuse Collection | 10,417 | 21,911 |
| Tipping fees | 50,419 | 10,526 |
| Hire of Open Skips | 3,598 | 9,410 |
| Road & Street Cleaning | 76,465 | 26,415 |
| Cleaning & Maintenance of Non-Urban Roads | 1,430 | 448 |
| Cleaning – Public Conveniences | 12,576 | 12,491 |
| Cleaning – Council Premises | 70 | 541 |
| Waste Disposal | 16,117 | 4,609 |
| Cleaning & Maintenance Parks & Garden | 5,182 | 16,216 |
| Clean. & Maint. Soft Areas | 3,712 | 5,425 |
| Street Lighting | 20,764 | 36,173 |
| Office equipment rent | 201 | - |
| Local Enforcement Expenses | 505 | 1,822 |
| Other Contractual Services | 1,760 | - |
| | 214,331 | 195,255 |
| | 239,214 | 222,772 |

## 10. Administrative and other expenditures

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Utilities | 12,430 | 10,535 |
| Uniforms | 29 | 651 |
| Sundry materials & supplies | 7,639 | 5,004 |
| Rent | 8,000 | 8,000 |
| Participation fee – Nat. Mtg. | 2,522 | 663 |
| Printing | 2,604 | 1,953 |
| Stationery | 7,162 | 5,523 |
| Subscriptions | - | 223 |
| Couriers | 1,251 | 1,779 |
| Postages | 146 | 179 |
| Transport | 7,918 | 6,922 |
| Information Services | 8,204 | 7,063 |
| Insurance Coverage | 7,967 | 8,540 |
| Bank Charges | 926 | 939 |
| Penalties | - | 535 |
| IT Development Services | 7,990 | 7,876 |
| Legal services | 19,204 | 6,608 |
| Accounting services | 6,207 | 6,818 |
| Professional services | 9,692 | 6,593 |
| Other support services | 19,366 | 9,692 |
| Entertainment | 480 | 458 |
| Other Hospitality Costs | 225 | 1,422 |
| Social Events | 39,257 | 20,282 |
| Amortisation and Deprecation | 48,014 | 65,392 |
| | 217,233 | 183,650 |

## 4.0 Il-Hidma tal-Kunsill

### 4.1 Rapport ta' hidma

Tul is-sena 2023 il-Kunsill wettaq diversi proġetti u attivitajiet. Fost dawn insibu l-attività' tal-Karnival flimkien ma' dik tal-Milied li l-Kunsill ibbenifika minn skema li ħareġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u b'hekk dawn l-attivitajiet kienu sostanzjalment iffinanzjati. Din is-sena t-tiżjin tal-Milied kompla żdied kif ukoll sar it-tqassim tar-rigali tat-tfal fid-djar tar-residenti bħas-sena preċedenti.

Saret 'Clean Up'minn Xatt is-Sajjieda sal-bajja tal-Għar l-Aħmar. Din kienet ukoll possibbli permezz ta' fondi minn skema maħruġa mill-Gvern Lokali.

Il-Kunsill kompla jorganizza s-'Science Club', jiffinanzja l-lezzjonijiet ta' eżerċizzji fiżiċi b'xejn, kif ukoll ikun ta' sostenn għal-librerija pubblika ta' Marsaxlokk.

Għal sena oħra reġa' ittella' l-Fish Fest ġewwa Marsaxlokk. Dan sar mill-Ministeru tas-Segretarju Parlamentari għall-biedja u sajd.

Ġew organizzati ħafna ħarġiet mill-Kunsill Lokali u attivitajiet li bħal dejjem jintlaqgħu tajjeb.

Saru toroq u bankini ġodda. Ġiet miftuħa l-latrina pubblika tal-Magħluq u dan kien grazzi għall-Ministeru tat-Turiżmu li kien ta' sostenn finanzjarju. Komplejna żidna aktar pjanti u siġar madwar Marsaxlokk.

Saret ukoll manutenzjoni estensiva fi Ġnien il-Familja, dan grazzi lill-ħaddiema tar-Reġjun Nofsinhar. Twaħħlu tabelli tat-tismija tat-toroq ġodda minn skema ta' fondi ta' aġġustament li joħroġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Applikajna għal bosta skemi oħra li għadhom ma ġewx imwettqa u li minnhom se jibbenifika l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk u r-residenti Xlukkajri fis-snin li ġejjin .

**Karen Scicluna**
Segretarju Ezekuttiv

# 5.0 L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa

## 5.1 L-iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dhul u fl-Infiq

| | Notes | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|---|
| Funds received from Central Government | 3 | 476,752 | 461,060 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 3,336 | 1,479 |
| General Income | 6 | 25,009 | 14,730 |
| | | 505,097 | 477,269 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 8 | (161,407) | (142,405) |
| Operations and maintenance | 9 | (239,214) | (222,772) |
| Administration and other expenditure | 10 | (217,233) | (183,650) |
| | | (617,854) | (548,827) |
| **Operating loss for the year** | | (112,757) | (71,558) |
| Finance income | 5 | 24 | - |
| **Loss for the year** | 7 | (112,733) | (71,558) |

## Statement of Affairs

| | Notes | 2023<br>€ | 2022<br>€ |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-current assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 130,496 | 147,293 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 47,982 | 64,141 |
| Cash and cash equivalents | 13 | 211,573 | 280,896 |
| **Total current assets** | | 259,555 | 345,037 |
| **Total Assets** | | 390,051 | 492,330 |
| **Reserves** | | | |
| Retained earnings | | 195,721 | 308,454 |
| | | 195,721 | 308,454 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 194,330 | 183,876 |
| | | 194,330 | 183,876 |
| **Total equity and liabilities** | | 390,051 | 492,330 |

# RAPPORT TA`HIDMA MILL-KUNSILLIERA

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Daniel Zerafa

- Kultura u Turiżmu
- Wirt Storiku
- Kommunitajiet – Federazzjoni Għaqdiet Xlukkajri
- Żgħażagh u Tfal
- Awtorita' tal-Ippjanar

F'sena isiru għadd ta' ħidmiet iżda nelenka dawn li forsi huma l-aktar li huma importanti. Tkun tixtieq tagħmel ħafna iżjed, iżda l-irbit burokratiku, nuqqas ta' awtonomija u riżorsi jillimita l-ħidma mixtieqa, u issa nuqqas ta' finanzi.

F'Jannar wara sentejn korrispondenzi u pressjoni kienet saret l-aħħar parti ta' Triq Delimara biswit il-kappella tas-silġ. Dan parti minn proġett tas-second water minn WSC li beda fl-2019 u sal-llum għadna nkarkru sabiex dawn il-meters jibdew joperaw.

L-istess bħalma ġara fuq il-parkeġġ tal-magħluq fejn wara ħafna snin wasal fl-aħħar fażijiet ta'asfalt. Anke installazjoni ta' għamara u dawl tat-toroq il-proġett beda jingħaqad. Nerġa ntenni wara ħafna pressjoni u korrispondenzi biex jitkomplew ix-xogħlijiet. Poġett mħabbar fl-2016, beda fl-2020, tlesta fl-2023. Anke jekk kien baqa' Latrina u Tio li nfetħu f'nofs l-2024
Skal numru 10 ukoll kien proġett li beda u waqaf minħabba incident u sospenzjoni minħabba kumpilazzjoni legali lura fl-2021. Issokta f'April 2023 u tlesta f'Ottubru 2023
Il-bajjiet sena wara sena dejjem nagħmlu upgrade tagħhom kemm mill-fondi tal-kunsill u kemm minn tat-turiżmu u IM, Bħalma sar il-ħajt u l-bankina tal-bajja ta' Għar Aħmar u planters u ramel fil-Magħluq. Sar ukoll rinovar tal-bankijiet tal-belveder, imżewqa b'kuluri li jixirqu max-xatt.
Bħal dejjem il-kalendarju kulturali nuru impenn sħiħ biex jitwettqu serati bħall-Karnival, fishfest, festa, Milied, San Girgor u t-8 ta' Mejju, anke jekk membru fl-għaqdiet, il-kunsill dejjem u jibqa' forċina. Iżjed attivitajiet kulturali huma mixtieqa bħalma hu r-ritorn tal-Festival tan-nar, iżda din il-ħidma għal sena oħra.

Kif ukoll saru bosta ħidmiet socjali bħal ġbir ta' fondi lil min kellu bżonn attenzjoni medika urġenti, bħal ġbir ta' ħwejjeg għat-terremot tat-Turkija, Pink Ooctober u attivitajiet oħra li ngabru donazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet bħal Marigold u Community Chest Fund.
Rigward kameras wara ħafna dewmien bdew jiffunzjonaw, twaħħlu numru ta' tabelli u sinjali diversi biex naqdu ħafna esiġenzi u nżommu forma ta' kontroll u diċenza, deher meljorament tas-sitwazzjoni tax-xatt iżda xorta jonqos attenzjoni ta' infurzar f'ċerti żoni.

Bħala żvillupp residenzjali kont parteċipi f'diversi bordijiet u diskussjonijiet fuq l-ippjanar minn entitajiet privati u kemm governattivi, fejn ħadna deċiżjonijiet u azzjonijiet fejn kien hemm bżonn il-kunsill jaġixxi. Fosthom fuq proġetti li qegħdin jew ġew finalizati u oħrajn li għad iridu jiġu implimentati. Tajna aktar importanza fuq ġonna fejn se nippreservaw li hemm, noħolqu iżjed ġodda (li hemm 2 fil-pjan) u oħrajn li ġew imfassla fi proġetti ta' blokok mill-privat kif mitlub mill-Att. Waħda mill-oġġezzjonijiet li l-kunsill kien xpruna, hija rigward residenza li kienet ser tigi integrata fi proġett mal-klabb tal-futbol.
Kompliet il-ħidma fuq is-sena ta' qabel rigward proġett Ewropew tal- JRC xprunat mis- CPD fuq sistema ta' prevenzjoni f' każ ta' tsunami fejn se nidħlu ġo programm ġdid ma' l-Universita' ta' Malta sabiex tissaħħaħ is-sistema u l-proċedura biex b'hekk tkun tista' tespandi fuq l-irħula u l-bliet kostali gradwalment.

Bħal dejjem il-kunsill jibqa' kommess li jgħin lill-għaqdiet filantropiċi tar-raħal kif ukoll kull entita' oħra li titlob direzzjoni jew għajnuna speċjalment fiż-żmien il-festa u waqt l-attivtajiet ta' matul is-sena.
Ibbenefikajna minn għadd ta skemi ta tħaddir fosthom għad-'dogpark' u ta' Ġnien il-Kavallerizza, iżda dan għadu ma' twettaq xejn minnhom.
Bħala clean up days saru diversi kemm personali u kemm mill-Kunsill, l-aktar notati huma dawk ta' ġol- baħar fil-Kalanka tal-Qali, tal-Qrejten u tal-Magħluq. Apparti ir-rapporti kontinwi waqt li nkun għaddej bir-rondi, il-kunsill dejjem inaddaf rimi illegli u skart ieħor sabiex iżomm ir-raħal diċenti u nadif kif jixraq lir-residenti tiegħu.

Fuq l-imwejjed u s-siġġijiet, wara snin ta' pressjoni mingħajr suċċess fejn l-awtoritajiet farfru mir-responsabbilta', l-kunsill beda jimplimenta miżuri li ser iżid minnhom sabiex dawn ikunu organizzati, kif ukoll isiru f'post il-monti ta' fost il-ġimgħa, u vendi tal-boatrips. Dawn huma passi li jressqu t-twettiq tal-masterplan li ilu deċenju ikaxkar biex isir. Dejjem imbuttajt lill-kunsill sabiex ikun kommess iwettaq masterplan ġdid kemm -il darba l-wegħdiet tal-gvern u politiċi jkunu serji sabiex jinħoloq il-bilanċ mixtieq.

Nistgħu nsemmu l-mijiet ta; ilmenti fuq street lightning, ilma u drenaġġ li dan qed juri aktar kemm qed jikber ir-raħal. Jeħtieg aktar distribuzzjoni ta servizzi u li jitwettqu b għaqal u b' inqas inkonvenjenza.
Nagħlqu s-sena b'għadd ta' attivitajiet u bit-tizjin tat-toroq għall- Milied, u anke tas-siġra elettronika fil-pjazza li komplejna nsebbħu raħal uniku bħal tagħna.
Kif tgħaddi din is-sena se nkomplu b'aktar ħidma biex immorru għas-sena tal-elezzjoni fejn l-għażla se tkun f'idejn il-poplu biex jiġġudika l-ħidma tagħna.

**Daniel Zerafa**
**Kunsillier**

**Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Elenia Desira**

Għall- okkażjoni ta' Jum il-mara ġiet imtella' diskussjoni ma' numru sabiħ ta' nisa mil-lokalita' tagħna fejn qasmu l-ideat u x'jixtiequ li jiġi mtejjeb fil-lokalita'. It-temi li ġew diskussa waqt dan il- 'workshop' kienu kultura, Annimali, Ambjent, Edukazzjoni, Għaqdiet, Sports, Saħħa u Anzjani.

Għal sena oħra konsekuttiva l-kunsill ipparteċipa fil-ġimgħa biex iżid l-għarfien dwar l-indafa madwar id-dinja li tiġi organizzata f' Settembru, fejn ġiet imtella' 'clean up' u permezz ta' skema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ngħatajna fondi biex din tkun tista' tittella'. Il- 'Clean up' saret minn xatt is-sajjieda sal-bajja tal-Għar l-Aħmar.

**Elenia Desira**
**Viċi Sindku**